# L-Arka ta' Noe u l-Ħmira: ir-Rilevanza tal-Vanġelu għall-Ġejjieni

1. Nistqarr magħkom li meta qrajt l-istedina ta' Dr Sant, li qalli li għandi nitkellem fuq kif nara l-futur fl-oqsma li jikkonċernawni, ma tantx kelli ċar quddiem għajnejja x'inhu l-qasam tiegħi. Wara ftit taż-żmien intella' u nniżżel, qtajt li nitkellem xi ftit magħkom fuq kif jien nara l-futur tar-relazzjoni bejn il-Knisja u s-soċjetà.

Spiċċa ż-żmien meta noqogħdu nitkellmu biss fuq il-Knisja u l-Istat, bħallikieku dan kien l-uniku aspett interessanti. Mill-Konċilju Vatikan II, u bis-saħħa ta' l-esperjenza li kellha l-Knisja matul dawn l-aħħar għoxrin jew tletin sena, rajna li r-relazzjoni bejn il-Knisja u l-Istat hija parti waħda, għalkemm importanti ħafna, mir-relazzjoni ħafna aktar wiesgħa u bażika bejn il-Knisja u s-soċjetà.

2. Fit-tradizzjoni tal-Knisja nsibu żewġ figuri li jgħinuna nifhmu din ir-relazzjoni: xi kultant naraw il-Knisja mqabbla ma' l-arka ta' Noe, u xi kultant insibuha mxebbha mal-ħmira li trid titħallat ma' l-għaġna kollha. It-tnejn jinsabu fil-Bibbja, anzi fit-Testment il-Ġdid, u t-tnejn huma għajnuna valida biex nifhmu xi ftit dak li l-kliem waħdu ma jista' qatt ifisser għal kollox: dik ir-realtà misterjuża li nsejħulha l-Knisja. Imma t-tnejn huma differenti minn xulxin, u jenfasizzaw aspetti differenti ta' din ir-relazzjoni bejn il-Knisja u s-soċjetà.

L-Arka ta' Noè kienet tiġbor fiha lil dawk il-ftit li salvaw fost ix-xita u t-tempesti tad-dilluvju. Kienet sitwazzjoni ċara ħafna: min hu barra barra u

---



PAUL PACE S.J. huwa *lecturer* fid-Dipartiment tal-Morali fil-Fakultà tat-Teologija, u wkoll membru taċ-Ċentru 'Fidi u Ġustizzja' tal-Ġiżwiti Maltin. Huwa studja l-filosofija u t-teoloġija fl-Università ta' Malta, qabel ma speċjalizza fit-teoloġija morali f'Ruma u Madrid, minn fejn kiseb id-dottorat b'teżi fuq id-diżubbidjenza ċivili. Għal ħames snin huwa kien iċ-*chaplain* ta' l-Università. L-interessi prinċipali tiegħu huma r-relazzjoni bejn it-teoloġija u s-soċjetà, u l-etika fil-ħajja pubblika.

min hu ġewwa ġewwa. Min kien ġewwa salva, u min kien barra ntilef. Minħabba f'hekk kien jeħtieġ li l-kriterji biex tidħol u tibqa' ġewwa jkunu ċari ħafna. Dawk ta' ġewwa kienu jħarsu 'l barra b'ħafna biża' u sfiduċja, għax kienu jaraw it-telfien, u l-fatt li kienu ġewwa kien jagħtihom sigurezza kbira, u aktarx li kienu jħossuhom superjuri ħafna għal dawk li kienu barra. Żgur li kellhom kull raġun iqisu lilhom infushom ixxurtjati li qegħdin hemm ġew.

Imbagħad insibu t-tixbih tal-Knisja mal-ħmira li tgħolli l-għaġna kollha. Hawnhekk il-ħmira ma tistax tintgħażel mill-bqija ta' l-għaġina: jekk tkun 'il bogħod minnha, imqar millimetru, ma jkollha l-ebda effett: biex twettaq il-missjoni tagħha trid tkun ħaġa waħda, u kważi kważi ma tingħarafx mill-bqija. Issa l-fruntieri ma huma ċari xejn, u dan jista' joħloq ċerta skuntentizza fil-membri tal-ħmira kif ukoll fost il-membri tal-bqija ta' l-għaġna, li xi daqqiet jibdew jippreferu li l-affarijiet ikunu aktar ċari. Il-Knisja-ħmira ma tħarisx 'il barra b'sens ta' superjorità jew suspett, tittawwal minn wara s-swar tal-verità lejn dawk li qegħdin barra, imma tfittex il-kuntatt mill-qrib fi spirtu ta' djalogu u fi tfittxija flimkien ta' dak li hu tajjeb għas-soċjetà.

3. Mhemmx għalfejn ngħidu li dawn iż-żewġ mudelli jibqgħu jeżistu flimkien, f'tensjoni kontinwa; simbolu interessanti ta' din it-tensjoni tawhulna dawk li ppubblikaw il-ktejjeb *Lejn Knisja Adulta* li, waqt li ġewwa jgħidulna li l-Knisja li għandhom f'moħħhom huma m'hix l-arka, fil-faċċata tal-ktieb poġġew disinn ta' arka fuq il-baħar imqalleb.

Għalkemm m'iniex profeta, ma niskanta xejn li din it-tensjoni tkompli tikber aktar ma jgħaddi ż-żmien. L-ewforija tas-snin tal-Konċilju Vatikan II issa għaddiet, u qed naraw insistenza mill-ġdid fuq il-fruntieri tal-Knisja, fuq min hu barra u min hu ġewwa. Dan mhux fenomenu li jidher fil-Knisja Kattolika biss, imma huwa mifrux tista' tgħid mar-reliġjonijiet kollha. Żgur li l-ebda soċjologu tar-reliġjon ma kien ibassar għoxrin sena ilu li fl-aħħar snin tas-seklu 20 kienu ser jerġgħu jitfaċċaw movimenti konservattivi qawwijin u wkoll ta' fundamentaliżmu reliġjuż, imma dan qed narawh fir-reliġjonijiet il-kbar kollha. Ħafna jaħsbu li dan huwa reazzjoni għall-pluraliżmu soċjali u kulturali li hawn fostna: aktar ma jonqos il-livell tal-kunsens etiku fostna, aktar ser insibu lil min irid jerġa' lura għall-ideat ċari u tondi, u aktar tixref rasha l-intolleranza, li tibda tidher bħala l-uniku rimedju biex ma nitfarrkux.

Fl-istess ħin, il-messaġġ tal-Konċilju Vatikan II huwa ċarissmu: id-dokument li l-aktar tkellem fuq ir-relazzjoni tal-Knisja mas-soċjetà jurina liema mudell għażel mill-bidu nett, mill-isem stess li ngħata: *Il-Knisja fid-dinja ta' llum* – u mhux *Il-Knisja **u d-dinja** ta' llum*. F'dan id-dokument il-Knisja turi l-apprezzament kbir tagħha għad-dinja moderna, u tgħid li hija x-xewqa u l-missjoni tagħha li taqsam il-ferħ u n-niket, il-biża' u t-tama tal-bniedem modern. U f'pass li huwa importanti ħafna aktar milli forsi naħsbu,

il-Knisja fil-Konċilju tistqarr li hija ma għandhiex it-tweġibiet għall-problemi kollha tad-dinja moderna, imma tfittex il-għajnuna ta' dawk kollha li jistgħu jikkontribwixxu għal tweġibiet veri.

Kien dan l-ispirtu ta' djalogu fir-rispett lejn il-valuri tad-dinja moderna li wassal lill-istess Konċilju biex jafferma d-dritt tal-libertà reliġjuża bħala dritt fundamentali, dritt li l-Papa preżenti ma jiqafx isejjaħlu d-dritt ewlieni, il-ġebla tax-xewka tad-drittijiet umani kollha. U kif il-Papa Pawlu VI, li kien hemm min sejjaħlu l-ewwel Papa modern, tkellem fit-tul fl-ewwel enċiklika tiegħu fuq id-djalogu bħala l-metodu li għandha tuża l-Knisja, il-Papa preżenti fl-ewwel enċiklika tiegħu qal li l-unika triq tal-Knisja huwa l-bniedem, il-bniedem konkret biċ-ċirkustanzi tiegħu. Kull min hu interessat fil-ġid tal-bniedem, fil-ħelsien tiegħu mill-jasar tal-mard, tal-ġuħ u ta' l-injuranza, għandu jsib lill-Knisja lesta timxi miegħu tul din it-triq.

4. Forsi ħafna minnkom qed tgħidu li qed inkellimkom fuq il-passat u mhux fuq il-ġejjieni. Huwa minnu li l-entużjażmu ta' għoxrin u tletin sena ilu għeb, u reġgħet issaħħet fostna ħafna aktar il-mentalità ta' l-arka, imma jiena konvint li fil-Knisja ta' żmienna l-Konċilju żera' xi ħaġa li żgur li ser tagħti ħafna frott fis-snin li ġejjin: b'xi mod il-Knisja-ħmira qed trabbi għeruq dejjem aktar sodi fost numru dejjem akbar ta' żgħażagħ, u ma għandi l-ebda dubju li l-istituzzjoni Maltija li għandha l-aktar żgħażagħ hija l-Knisja. Żgur li dan huwa l-aqwa investiment għall-ġejjieni. Għandha ħafna anqas minn qabel, imma dawk li għandha jafu għaliex qegħdin hemm ħafna aktar minn dawk ta' qabilhom, u jħossu lealtà ħafna akbar għat-twemmin tagħhom.

L-isfida l-kbira li għandha l-Knisja hija kif ser tuża din l-enerġija kollha u tindirizzaha għall-ġid tas-soċjetà, mingħajr ma tħalliha tinħela fi spiritwalità individwalista ta' gruppi magħluqin fihom infushom.

5. Hemm fattur ieħor li jagħmilli kuraġġ li fis-snin li ġejjin ser inkunu aktar kapaċi naslu għal relazzjoni aktar ħajja u rilevanti bejn il-Knisja u s-soċjetà. Il-livell ta' edukazzjoni tal-Maltin qed jogħla, u l-preżenza tal-Knisja f'dan il-qasam qed tinfirex. Il-preżenza tal-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università qed tagħti opportunità unika lill-Knisja biex tkun preżenti fuq livell ta' ugwaljanza fejn jinħmew l-ideat ta' għada, u hija stess qed tiġbed numru dejjem akbar ta' studenti. Spiċċa ż-żmien meta l-Fakultà tat-Teoloġija kienet biss għal dawk li qed iħejju rwieħhom għas-saċerdozju; dawn issa huma minoranza dejjem tiċkien, waqt li qed jikber sew in-numru ta' lajċi li jsegwu korsijiet ta' teoloġija, ħafna drabi bħala parti minn korsijiet oħrajn.

Dan ifisser li 'l quddiem ser ikollna Knisja anqas klerikali, mhux biss għaliex in-numru tal-kleru ser jonqos sew, imma għaliex il-lajċi ser ikunu ppreparati ħafna aħjar biex jidħlu fi djalogu serju mas-soċjetà tagħna.

6. Qabel nagħlaq nixtieq insemmi tliet punti li naħseb li ser jikkaratterizzaw

mhux ftit il-ħajja tas-soċjetà tagħna għall-anqas fl-ewwel snin tas-seklu li ġej. L-ewwelnett, m'għandix dubju li l-ġenerazzjonijiet li telgħin ser juru ħafna aktar ċiniżmu fejn tidħol il-parteċipazzjoni fil-ħajja politika, u jħossu ħafna aktar suspett fejn jidħlu l-istituzzjonijiet. Barra minn dan ser ikunu ħafna aktar konxji tad-drittijiet individwali tagħhom u tal-valur tad-demokrazija. Min jixtieq imexxi politikament jew spiritwalment irid jasal jagħti motivazzjoni u ispirazzjoni ħafna aktar konvinċenti tal-messaġġ tiegħu jekk ma jridx jispiċċa waħdu biex iwettaq il-proġetti tiegħu. Fit-tradizzjoni tal-Knisja, u żgur li fl-esperjenza tagħna wkoll, l-aktar messaġġ konvinċenti huwa dak li jiġi meta nidhru li qed ngħixu aħna stess il-messaġġ li qed inxandru.

Wisq nibża' wkoll li, jekk il-preżent huwa l-mera tal-ġejjieni, fil-futur qarib ser ikollna ħafna anqas interess fil-ġustizzja soċjali u fit-tqassim ġust tal-ġid nazzjonali u internazzjonali. Qed insiru wisq pragmatiċi, bl-iskuża li aħna pluralisti u li issa spiċċaw l-ideoloġiji; spiss dan huwa biss skuża biex naċċettaw l-ideoloġija neo-liberali li tkabbar id-differenzi li jeżistu bejn dawk li għandhom flus, saħħa u edukazzjoni, u dawk li ma għandhomx. Ma għandi l-ebda dubju li waħda mill-akbar sfidi tal-ġejjieni ser tkun kif dawk li huma tassew interessati fil-bniedem u fid-dinjità tiegħu ser isibu mod rispettabbli u li jiftiehem biex imexxu 'l quddiem din it-taqbida għal aktar ġustizzja.

Fl-aħħarnett, il-futur ser juri ħafna aktar interess fil-kwalità u mhux daqshekk fuq il-kwantità tal-ħajja, u dan ifisser aktar interess fl-ambjent. Il-materjaliżmu qatt ma jista' jimla l-ħajja tal-bniedem, u żgur li ser jikber in-numru ta' dawk li jħossu ħafna aktar responsabbiltà lejn l-ambjent u jaraw is-solidarjetà u r-rispett veru lejn il-ħolqien bħala dmir importanti. Jalla min ikollu s-setgħa, hi ta' liema għamla hi, ikun kapaċi jmexxi u mhux jiġri wara l-popolarità li malajr tisparixxi.

7. Huwa għalhekk li nixtieq nagħlaq billi nistqarr il-konvinzjoni tiegħi li r-rilevanza tal-messaġġ tal-Vanġelu għall-ġejjieni ser tkun akbar. Fil-parti tagħna tad-dinja, il-ġlieda m'għadhiex għall-ħajja materjali, għax il-livell tal-ħajja huwa garantit. Il-ġlieda ta' għada ser tkun għall-valuri tassew umani, li jirrispettaw tabilħaqq id-dinjità tal-bniedem, u tal-bnedmin kollha. Hija ġlieda *importanti wisq* għalina lkoll biex ma nfittxux bl-akbar impenn dak li jgħaqqadna, għall-ġid ta' kulħadd.

Grazzi ħafna.